

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Wirt](#) > [Suċċessjonijiet](#) > [Austria](#)

Suċċessjonijiet



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

L-iskeda informattiva ġiet ippreparata b'kooperazzjoni mal-Kunsill tan-Nutara tal-UE (CNUE)

1 Kif titfassal dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni (testment, testment konġunt, ftehim dwar is-suċċessjoni) malli jmut xi ħadd?

Meta jsir testament hemm rekwiżiti formali speċifiċi li jridu jiġu osservati. It-tipi ta' testament li huma rikonoxxuti skont il-liġi Awstrijaka jinkludu:

- testament pubbliku mfassal minn nutar jew qorti;
- testament olografiku, li t-testatur irid jikteb kompletament b'idejha u jiffirmah; u
- testament miktub (miktub bl-idejha jew ittajjjat minn xi ħadd li mhux it-testatur), li jrid jiffassal fil-preżenza ta' tliet xhieda.

Kuntratt ta' wirt (l-Artikoli 1249 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili (*Allgemeines bürgerliches Gesetzbuch – ABGB*)) jista' jiġi konkluż biss minn konjuġi, għarajjes li eventwalment jżewġu u sħab irreġistrati (futuri), u jrid jieħu l-forma ta' att notarili (skont l-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, il-punt (a) tal-Att dwar l-Atti Notarili (*Notariatsaktsgesetz*)); hija meħtieġa l-preżenza ta' żewġ xhieda jew ta' nutar ieħor. Kuntratt ta' wirt, li jrid jissodisfa r-rekwiżiti ta' validità għad-dispożizzjonijiet testamentarji, ma jistax jiddisponi minn iktar minn tliet kwarti tal-patrimonju. F'dan il-kuntest, is-sħab irreġistrati għandhom l-istess drittijiet bħall-miżżewġin u l-għarajjes (l-Artikolu 1217 tal-ABGB).

Testament *unica charta* jista' jsir biss minn miżżewġin jew sħab irreġistrati (l-Artikolu 586 tal-ABGB).

Donationes mortis causa (għotjiet ta' proprjetà personali mingħand xi ħadd li jistenna li jmut fil-futur qrib, li jieħu effett biss wara l-mewt tad-donatur) huma rregolati mill-Artikolu 603 tal-ABGB u jingħataw b'kuntratt, li jieħu l-forma ta' att notarili.

2 Id-dispożizzjoni għandha tkun irreġistrata u jekk iva, kif?

Testmenti, kuntratti tal-wirt u kwalunkwe kuntratt li jirrinunzja għad-dritt għall-wirt jew għal sehem riżervat jistgħu jiġu rreġistrati fir-Reġistru Ċentrali tat-Testmenti Awstrijak (*Österreichisches Zentrales Testamentsregister*) (l-Artikolu 140b tal-Kodiċi Notarili Awstrijak (*Notariatsordnung*)), sakemm ikunu ġew iddepożitati ma' nutar, ma' qorti jew ma' avukat. Dan ir-reġistru elettroniku huwa ġestit mill-Kamra Awstrijaka tan-Nutara tad-Dritt Ċivili (*Österreichische Notariatskammer*) u huwa l-uniku reġistru tat-testmenti li huwa rregolat bil-liġi. Il-qrati u n-nutara huma meħtieġa jirrapportaw l-eżistenza ta' kwalunkwe dokument bħal dan lir-reġistru (l-Artikolu 140c(2) tal-Kodiċi Notarili Awstrijak). Il-fini tar-reġistrazzjoni hija li jkun iktar faċli biex jinstabu dawn id-dokumenti waqt proċedimenti ta' suċċessjoni. L-avukati u d-ditti legali jistgħu jirreġistraw testmenti u dispożizzjonijiet testamentarji oħrajn fir-Reġistru tat-Testmenti tal-Avukati Awstrijaċi (*Testamentsregister der österreichischen Rechtsanwälte*). Matul il-proċedimenti ta' suċċessjoni, il-kummissarju tal-qorti jrid jirriċerka fir-Reġistru Ċentrali tat-Testmenti Awstrijak u fir-Reġistru tat-Testmenti tal-Avukati Awstrijaċi u jiddokumenta r-riżultat tar-riċerka tiegħu (l-Artikolu 145a tal-Att dwar il-Proċedimenti Mhux Kontenzjużi (*Außerstreitgesetz* -

AußStrG)).

3 Hemm restrizzjonijiet fuq il-libertà li wieħed jiddisponi mill-beni wara l-mewt (pereżempju sehem riżervat)?

Is-sehem riżervat (li jirrestrinġi l-grad ta' libertà testamentarja) jammonta għal nofs is-sehem *ab intestato* fil-massa ereditarja. Ulied il-persuna deċeduta u l-konjuġi jew is-sieħeb irregiſtrat superstiti tagħha huma intitolati għal sehem riżervat. Jekk persuna intitolata għas-sehem riżervat qatt ma kellha relazzjoni familjari mill-qrib mal-persuna deċeduta jew tali relazzjoni ma kinitx teżisti għal perjodu twil ta' żmien (madwar 20 sena), is-sehem riżervat jista' jitraqqas.

Is-sehem riżervat huwa s-sehem fil-valur tal-assi tal-persuna deċeduta li jrid jitqassam lill-persuni intitolati għas-sehem riżervat. Is-sehem riżervat irid jiġi flus kontanti. Madankollu, jista' jkun kopert ukoll minn donazzjoni mal-mewt tad-deċedut (l-Artikolu 780 tal-ABGB) jew minn donazzjoni *inter vivos* (l-Artikolu 781 tal-ABGB).

Id-dritt għal sehem riżervat irid jiġi asserit fil-qorti fi żmien tliet snin mill-iskoperta tal-pretensjoni u mhux aktar tard minn 30 sena wara l-mewt (l-Artikolu 1487 tal-ABGB). Il-perjodu ta' preskrizzjoni jibda meta jiġu skoperti l-fatti li jiddeterminaw l-eżistenza tal-pretensjoni, iżda mhux qabel sena minn mewt il-persuna deċeduta (l-Artikoli 765 u 1487a tal-ABGB).

Is-sehem riżervat jista' jkun irrinunzjat waqt li t-testatur ikun għadu ħaj. Din ir-rinunzja trid tiegħu l-forma ta' att notarili jew regiſtrazzjoni uffiċjali tal-qorti (l-Artikolu 551 tal-ABGB).

4 Jekk ma jkunx hemm dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni malli jmut xi ħadd, min jiret u kemm?

Jekk il-persuna deċeduta ma tħallix warajha konjuġi, sieħeb irregiſtrat jew tfal, jirtu l-ġenituri tal-persuna deċeduta u t-tfal tagħhom (ħut il-persuna deċeduta) (l-Artikoli 735 u 736 tal-ABGB).

Jekk il-persuna deċeduta ma tħallix warajha konjuġi jew sieħeb irregiſtrat iżda tħalli warajha l-ulied, allura l-ulied jirtu ishma ndaqs (l-Artikolu 732 tal-ABGB).

Jekk il-persuna deċeduta tħalli warajha konjuġi jew sieħeb irregiſtrat iżda l-ebda ulied, allura l-konjuġi jew is-sieħeb irregiſtrat superstiti jibqgħu l-uniku werriet.

Jekk il-persuna deċeduta tħalli warajha konjuġi jew sieħeb irregiſtrat u ġenituri, il-konjuġi jew is-sieħeb irregiſtrat jiret żewġ terzi mill-patrimonju flimkien mal-legat preferenzjali konċess mil-liġi (li jintitolah għall-oġġetti tad-dar). Terz tal-patrimonju jinqasam b'mod indaqs bejn il-ġenituri tal-persuna deċeduta (l-Artikolu 744(1) tal-ABGB).

Is-sieħeb mhux irregiſtrat (is-sieħeb domestiku) jiret jekk ma jkunx hemm werrieta statutorji oħrajn. Inkella, dan jiret biss jekk ikun hemm dispożizzjoni fit-testament li teżiġi hekk. Madankollu, is-sieħeb domestiku superstiti huwa mħares mill-Att Awstrijak dwar il-Kera (*Mietrechtsgesetz*) u mill-Att Awstrijak dwar il-Koproprjetà tal-Appartamenti (*Wohnungseigentumsgesetz*). Jekk il-persuna deċeduta u s-sieħeb domestiku tagħha jkunu koproprietari ta' appartament (sjieda kooperattiva ta' appartament), sehem il-persuna deċeduta jgħaddi għand is-sieħeb superstiti. Barra minn hekk, is-sieħeb domestiku għandu legat ta' preferenza konċess mil-liġi u għalhekk id-dritt, limitat għal sena, li jkompli jgħix fid-dar komuni u juża l-oġġetti tad-dar ta' proprjetà komuni, sa fejn ikun meħtieġ sabiex ikompli jgħix skont il-kundizzjonijiet tal-għajxien preċedenti.

5 Liema tip ta' awtorità hija kompetenti:

5.1 fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni?

Il-qorti distrettwali (*Bezirksgericht*); il-kummissarju tal-qorti (nutar) bħala organu tal-qorti.

L-awtorità li jkollha ġurisdizzjoni fis-suġġett u ż-żona ġeografika hija l-qorti distrettwali fejn kienet l-aħħar residenza legali tal-persuna deċeduta (l-aħħar abitazzjoni, il-post tar-residenza abitwali) (l-Artikolu 105 tal-Liġi

Awstrijaka dwar il-Ġurisdizzjoni tal-Qrati (*Jurisdiktionsnorm* – JN) flimkien mal-Artikoli 65 u 66 tal-JN). Għall-finijiet tat-twettiq tal-proċess, il-qorti distrettwali tuża s-servizzi ta' nutar li jaġixxi fil-kapaċità ta' kummissarju tal-qorti (l-Artikolu 1 tal-Att dwar il-Kummissarju tal-Qrati (*Gerichtskommissärsgesetz* – GKG)).

5.2 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tas-suċċessjoni?

Il-qorti distrettwali; il-kummissarju tal-qorti (nutar) bħala organu tal-qorti.

5.3 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tal-legat?

Il-qorti distrettwali; il-kummissarju tal-qorti (nutar) bħala organu tal-qorti.

5.4 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja u aċċettazzjoni ta' sehem riżervat?

Il-qorti distrettwali; il-kummissarju tal-qorti (nutar) bħala organu tal-qorti.

6 Deskrizzjoni qasira tal-proċedura biex issir suċċessjoni skont il-liġi nazzjonali, inkluż kif issir il-likwidazzjoni tal-patrimonju u kif jinqasmu l-assi (din tinkludi informazzjoni dwar jekk il-proċedura ta' suċċessjoni tinbeda minn qorti jew minn awtorità kompetenti oħra fuq inizjattiva tagħha stess)

Il-proċess tal-wirt (jew "il-proċedimenti tas-suċċessjoni" (*Verlassenschaftsverfahren*)) jibda mill-qorti distrettwali ladarba jiġi jitħabbar li l-wirt ikun sar dovut. Il-qorti distrettwali kompetenti hija dik tad-distrett fejn il-persuna deċeduta kellha l-aħħar post ta' abitazzjoni jew il-post tar-residenza abitwali tagħha. Il-proċedimenti jiġu ttrattati minn nutar fil-kapaċità tiegħu ta' kummissarju tal-qorti u jintemmu b'ordni tal-qorti.

Il-proċedimenti ta' suċċessjoni jridu jinfetħu *ex officio* mal-qorti ssir taf bil-mewt (l-Artikolu 143(1) tal-AußStrG).

Il-kummissarju tal-qorti jidentifika lill-verrieta bħala parti mill-proċedimenti ġudizzjarji tas-suċċessjoni (l-Artikolu 797 tal-AGBG).

Il-kummissarju tal-qorti (is-subparagrafu 2(b) tal-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 2(2) tal-GKG) ifassal inventarju tal-patrimonju fiċ-ċirkostanzi li ġejjin: jekk tkun ġiet ippreżentata dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni kondizzjonali tal-wirt (li tillimita r-responsabbiltà ta' werriet għall-valur tal-assi li jirċievi mill-patrimonju); jekk il-persuni li jistgħu jkunu intitolati għal sehem riżervat huma minorenni jew jistgħu jeħtieġu rappreżentant legali għal raġunijiet oħra; jekk tkun ingħatat awtorizzazzjoni biex il-wirt jiġi segregat mill-assi tal-werriet; jekk irid jitqies wirt minn werriet sussegwenti jew jekk ikun ġie stabbilit fond testamentarju privat; jekk ikun hemm il-possibbiltà li l-wirt imur għand l-Istat minħabba nuqqas ta' werriet; jew jekk dan jintalab minn kwalunkwe persuna awtorizzata jew mill-fiduċjarju tal-patrimonju (l-Artikolu 165 tal-AußStrG).

7 Kif u meta wieħed isir werriet jew legatarju?

Ħadd ma jista' jieħu l-pussess tal-wirt minn jeddu. Minflok, dan irid jingħata uffiċjalment biex ikun legalment fil-pussess tal-werriet, proċess magħruf bħala d-devoluzzjoni tal-proprjetà (*Einantwortung*) b'ordni tal-qorti tas-suċċessjoni (*Verlassenschaftsgericht*) (l-Artikolu 797 tal-ABGB u l-Artikolu 177 tal-AußStrG). Il-proprjetà tista' tiġi devoluta biss ladarba d-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni tal-wirt tkun ġiet ippreżentata mill-persuni kkonċernati bħala prova tad-dritt tagħhom li jirtu, u ladarba l-proċeduri ġudizzjarji tas-suċċessjoni jkunu ntemmu. Anke fil-każ ta' proprjetà immobbli, is-sjeda tiġi ttrasferita fil-mument tad-devoluzzjoni, jiġifieri indipendentement mid-dħul tas-sid il-ġdid fir-reġistru tal-artijiet. Madankollu, jekk il-werrieta jonqsu milli jibagħtu applikazzjoni għad-dħul fir-reġistru tal-artijiet fi żmien raġonevoli, il-kummissarju tal-qorti jkollu jibgħat l-applikazzjoni minflokhom.

8 Il-werrieta huma responsabbli għad-djun tal-mejjet, u jekk iva, skont liema kundizzjonijiet?

Il-werrieta huma responsabbli mid-djun tal-persuna deċeduta mill-assi totali tagħhom. Madankollu, jekk isir l-

inventarju, ikunu responsabbli biss sal-valur tal-patrimonju.

9 Liema huma d-dokumenti u/jew l-informazzjoni normalment meħtieġa għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-proprjetà immobbli?

Id-dokument li juri t-titolu legali tal-akkwiżizzjoni jrid jiġi ppreżentat lill-qorti tar-reġistru tal-artijiet (*Grundbuchgericht*). Il-werrieta jridu jippreżentaw l-ordni tad-devoluzzjoni u l-legatarji jridu jippreżentaw konferma uffiċjali. Barra minn hekk, jista' jkun hemm bżonn li jiġi ppreżentat ċertifikat li juri li l-ebda taxxa mhija dovuta u, skont il-liġi tal-provinċja kkonċernata, permess speċjali maħruġ skont il-leġiżlazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet tal-proprjetà immobbli kif ukoll – meta applikabbli – prova taċ-ċittadinanza tar-riċevitur.

9.1 Il-ħatra ta' amministratur hija obligatorja jew issir obligatorja wara li ssir it-talba? Jekk hija obligatorja jew obligatorja fuq talba, x'inhuma l-passi li għandhom jittieħdu?

Ma hemmx għalfejn jinħatar amministratur.

9.2 Min huwa intitolat li jeseġwixxi d-dispożizzjoni testamentarja mal-mewt tal-persuna u/jew li jamministra l-patrimonju?

Werriet li jkun kapaċi biżżejjed li jagħti prova tad-dritt tiegħu li jiret mal-aċċettazzjoni tal-wirt huwa intitolat li juża u jamministra l-assi li ntritu u li jirrappreżenta l-wirt, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mill-qorti tas-suċċessjoni; fejn dan japplika għal aktar minn parti waħda, il-partijiet kollha jeżerċitaw dan id-dritt b'mod konġunt, sakemm ma jaqblux mod ieħor (l-Artikolu 810 (1) tal-ABGB).

9.3 X'setgħat għandu amministratur?

L-eżekutor għandu biss rwol sekondarju tul il-proċedimenti tas-suċċessjoni Awstrijaċi. Dan għaliex il-proċedimenti tas-suċċessjoni jiġu ttrattati mill-qorti u huwa l-kummissarju tal-qorti, bħala organu tal-qorti, li jiżgura li jiġu implimentati x-xewqat tal-persuna deċeduta. Skont l-Artikolu 816 tal-ABGB, il-persuna deċeduta tista' tuża dispożizzjoni testamentarja biex tagħti lil xi ħadd ir-responsabbiltà li jwettaq ix-xewqat finali tagħha. L-ambitu tad-dmirijiet tal-persuna huma ddefiniti mid-dispożizzjoni testamentarja u jistgħu jvarjaw mill-monitoraġġ ta' jekk il-werriet/legatarju jissodisfax ċerti kundizzjonijiet għad-distribuzzjoni korretta tal-patrimonju permezz tal-amministrazzjoni tal-patrimonju.

Jekk ikun hemm proċedimenti orali bħala parti mill-proċess ta' sejħa għall-kredituri tal-patrimonju (l-Artikoli 813 sa 815 tal-ABGB), il-kummissarju tal-qorti jkollu jħabbar id-data ta' dawn il-proċedimenti kif ukoll isejjaħ lill-eżekutor (l-Artikolu 174 tal-AußStrG).

10 Liema dokumenti huma tipikament maħruġa skont il-liġi nazzjonali matul jew fl-aħħar tal-proċedimenti ta' suċċessjoni li jippruvaw l-istatus u d-drittijiet tal-benefiċjarji? Għandhom effetti evidenzjarji speċifiċi?

Il-kummissarju tal-qorti, fuq talba, irid joħroġ konferma uffiċjali lill-benefiċjarji bħala prova tas-setgħa ta' rappreżentanza tagħhom (l-Artikolu 172 tal-AußStrG) (ara l-punt 9.2 iktar 'il fuq).

Ladarba l-werrieta u sehemhom ikunu ddeterminati b'mod definittiv u jkunu tressqu l-provi li r-rekwiżiti l-oħra jkunu ġew issodisfati, il-qorti trid tqassam il-wirt lill-werrieta (l-Artikolu 177 tal-AußStrG: l-ordni ta' devoluzzjoni). Kopja uffiċjali tal-ordni ta' devoluzzjoni b'ċertifikat tad-dritt għas-sehem riżervat hija biżżejjed biex tiżblokka l-fondi miżmuma mill-istituzzjonijiet ta' kreditu (l-Artikolu 179 tal-AußStrG).

Iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni skont l-Artikoli 62 *et seq.* tar-Regolament Ewropew dwar is-Suċċessjoni (ir-Regolament (UE) Nru 650/2012) jinħareġ mill-kummissarju tal-qorti. Jekk l-applikant ma jaqbilx ma' dan iċ-Ċertifikat tas-Suċċessjoni, il-qorti trid teżaminah. Iċ-Ċertifikat maħruġ mill-kummissarju tal-qorti ma jibqax validu u jiġi sostitwit miċ-Ċertifikat maħruġ mill-qorti.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.

■ L-aħħar aġġornament: 27/12/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.